



2024/1032

2.4.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/1032**

**tas-26 ta' Marzu 2024**

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia)  
(EUMM GEORGIA/1/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni 2010/452/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia), inkluż id-deċiżjoni li jaħtar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2318 <sup>(2)</sup>, li estendiet il-mandat tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2024.
- (3) Fil-31 ta' Jannar 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/219 <sup>(3)</sup>, li taħtar lis-Sur Dimitrios KARABALIS bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia mill-1 ta' Frar 2023 sal-14 ta' Diċembru 2023.
- (4) Fid-29 ta' Frar 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà propona l-ħatra tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2024.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tas-Sa Bettina BOUGHANI bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMM Georgia mill-1 ta' April 2024 sal-14 ta' Diċembru 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Bettina BOUGHANI hija b'dan maħtur Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) mill-1 ta' April 2024 sal-14 ta' Diċembru 2024.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' April 2024.

<sup>(1)</sup> ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2318 tal-25 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 133).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/219 tal-31 ta' Jannar 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) (EUMM GEORGIA/1/2023) (ĠU L 30, 2.2.2023, p. 16).

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*  
*Il-President*  
D. PRONK

---